IL-MUNXAR

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 03-2019(01_08_19)**

**1 ta' Awwissu 2019**

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq il-Profs. Ġużè Aquilina, Il-Munxar MXR 1012, Għawdex fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur Damien Spiteri - Sindku
Is-Sa Carmela Parnis - Viċi Sindku
Is-Sur Joseph Cauchi - Kunsillier
Is-Sur Mark Busuttil - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Is-Sa Sonja Abela - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Il-laqgħa tmexxiet mis-Sindku, is-Sur Damien Spiteri.

**03.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

03.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li filgħodu rċieva *sms* mingħand is-Sa Sonja Abela fejn talbet tkun skużata peress li qiegħda xogħol Malta.
Hija ġiet skużata.

**03.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

03.2.1 Il-Kunsill għadda għall-Minuti tal-laqgħa preċidenti numru 02-2019(04_07_19) li kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. B'hekk, wara dawn il-Minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 03.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

03.3.1 Is-Sindku ta rendikont tal-laqgħat li kellu.

Saret laqgħa mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar fondi Ewropej rigward 'Europe for Citizens Programme'. Aspett interessanti li ħareġ minn din il-laqgħa huwa li l-Kunsilli Lokali għandhom l-opportunità li jorganizzaw *networks* fejn isibu *partners* oħrajn minn pajjiżi differenti u jikkollaboraw ma' xulxin fuq tema li jagħżlu. Kunsill Lokali jista' jsib *partner* mill-Italja, ieħor minn Franza u ieħor minn Spanja, jew xi pajjiżi oħra, u jagħmel konferenza f'kull pajjiż fuq tema li jagħżel bħal: l-immigrazzjoni eċċ. Għaldaqstant, tkun tista' toffri opportunità lir-residenti tal-lokalità li jżuru aktar minn pajjiż wieħed u li toffrilhom esperjenza fejn jitħalltu ma' kulturi differenti. Dawn il-proġetti jkunu ffinanzjati mill-Unjoni Ewropea. Is-Sindku jħoss li l-Kunsill għandu jesplora jekk hemmx possibbiltà li jidħol fi proġett bħal dan.

Saret ukoll laqgħa mal-Perit, Inġinier u ma' Rappreżentant ta' Wirt Għawdex rigward il-proġett tat-Torri tax-Xlendi. Waqt il-laqgħa ġie spjegat kif għadna qed nistennew lill-kuntrattur li rebaħ it-*tender* sabiex jibda x-xogħlijiet. Ġie maqbul li joħorġu t-*tenders* l-oħra, li fadal, ta' xogħlijiet fuq ġewwa. Il-perit qal li għandu jibgħat lill-Kunsill id-dettalji tat-*tenders* li fadal sal-aħħar ta' Awwissu 2019.

Saret ukoll laqgħa pubblika rigward il-proġett tad-demmiela fil-Munxar, fejn preżenti kien hemm l-Avukat Dr Ian Stafrace u ta rendikont tal-proċess u l-istadju tal-appell. L-Avukat Stafrace stqarr li saret trattazzjoni fit-23 ta' Lulju 2019.

Il-Kunsill flimkien mal-Ministeru għal Għawdex iltaqgħu Ix-Xlendi fejn saret il-*launch* ta' 'I Love Ix-Xlendi' Summer Events 2019.

Waqt laqgħa li saret mar-Rappreżentant ta' Transport Malta ġew diskussi numru ta' punti, fosthom: it-*Traffic Management System* fix-Xlendi - ġie ssuġġerit li għalissa ma jintmessx xejn peress li ser isir pjan ġdid tat-traffiku li hu implimentat fil-*Master Plan*, il-moll tax-Xlendi - hemm problema u Transport Malta ser jinfurzaw, ilment minn persuna li trid ħadida biex ma jipparkjawx quddiem garaxx - intqal li ħadida ma tistax issir peress li tkun ta' periklu u li fuq il-post diġà hemm *double yellow lines* sabiex il-karozzi ma jipparkjawx quddiem il-garaxx, ilment mingħand resident fi Triq il-Biżantini li jixtieq li jinżebgħu *parking spaces* fit-triq sabiex il-karozzi ma jibqgħux jipparkjaw quddiem il-garaxxijiet - ġie ssuġġerit li l-Kunsill ikellem lil perit u jibgħat il-proposta tiegħu lil Transport Malta, ir-rotta u l-ħinijiet tal-*buses* - il-Kunsill ġie infurmat li ma jistgħux jintmessu rotot, il-*pellican lights* fil-Munxar - il-Kunsill baqagħlu jibgħat xi dokumentazzjoni.

Saret laqgħa għall-fondi kulturali u laqgħa mal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali. Il-Kunsill ingħata għotja ta' ftit aktar minn €2,000 mill-fondi tal-LESA. Ġiet ukoll varata skema fejn il-Kunsilli Lokali jistgħu japplikaw għal xi proġetti li jkunu jixtiequ. L-iskema tagħlaq fil-31 ta' Ottubru 2019.

Saret laqgħa wkoll mal-inġinier fejn spezzjona numru ta' postijiet fejn ser jitwaħħlu lampi ġodda madwar il-lokalità, kif maqbul fil-laqgħa preċedenti.

Waqt laqgħa mar-Rappreżentanti tal-Community Workers Scheme Enterprise Foundation, kif ukoll mal-ħaddiema tal-Kunsill, ġie enfasizzat il-bżonn li l-ħaddiema tal-Kunsill jagħtu aktar kontribut fit-tindif tal-lokalità minħabba n-numru kbir ta' lmenti li l-Kunsill qed jirċievi. Ġiet diskussa mar-Rappreżentanti tal-Community Workers Scheme Enterprise Foundation it-talba li l-Kunsill preċedenti kien għamel għal tliet ħaddiema oħra. Il-Kunsill staqsa fejn wasal il-proċess. Wara diskussjonijiet il-Kunsill ingħata ħaddiem ieħor li beda mill-5 ta' Awwissu 2019 u li xogħlu ser ikun l-aktar fuq knis fil-lokalità u manutenzjoni. Fir-rigward ta' tindif ta' toroq, il-ħaddiema ser ikunu qed jaħdmu b'roster u skont l-esiġenzi tal-Kunsill sabiex isir it-tindif fil-lokalità kollha.

Sar is-smigħ tal-appell mit-tribunal tal-Awtorità tal-Ippjanar f'Malta u l-Kunsill ipprovda trasport għal numru ta' residenti li xtaqu jattendu.

Saret laqgħa mal-persuna responsabbli mill-Gozo Action Group Foundation (GAGF). Huwa spjega li bażikament ser jinfetħu żewġ sejħiet għall-fondi. Kunsill Lokali jista' japplika jekk ikollu tal-inqas żewġ *partners* oħra li jistgħu jkunu Kunsilli Lokali oħra jew inkella *NGOs* mil-lokalità. Is-sejħiet ser ikunu maqsumin fi tnejn. Waħda minnhom fejn Kunsill jista' japplika għal fondi infrastrutturali u t-tieni miżura fejn irid ikun hemm element ta' proġett b'investiment infrastrutturali u attivitajiet.

Saret *Press Release* rigward l-attività ta' Ix-Xlendi Ceramics Festival tas-Sibt, 3 ta' Awwissu 2019.

Is-Sindku informa lill-Kunsill bix-xogħlijiet li kienu saru u li kienu qed isiru fil-lokalità.
Dawn ix-xogħlijiet jinkludu:
Ġiet mimlija bil-konkos ħofra fix-Xlendi wara li nġabu l-permessi mill-ERA, bdew l-attivitajiet bħala parti mill-kalendarju ta' 'I love Ix-Xlendi' Summer Events 2019, ser jibdew sessjonijiet ta' *keep fit*, inżabru l-Palm tal-*main road* fix-Xlendi kif ukoll fi Trejqet il-Madonna tal-Karmnu, saret applikazzjoni għal Clean Up The World fejn il-Kunsill jista' jibbenifika madwar €900 f'fondi sabiex jorganizza *clean up* mal-kosta tax-Xlendi kif ukoll fl-inħawi Tal-Ponta, saret applikazzjoni mal-Malta Tourism Authority għal attività waqt il-festa tax-Xlendi li għaliha l-Kunsill irċieva notifika li t-talba tiegħu ġiet milqugħa u li ser ikun qed jirċievi €2,500 sabiex issir attività marbuta mal-festa tax-Xlendi li ser issir nhar il-Ħadd 18 ta' Awwissu 2019 fejn din l-attività ser tkun tinkorpora *show* sinkronizzata li toffri spettaklu lil dawk li jkunu preżenti, saret il-ħarġa permezz tal-Calypso Trains fejn kien hemm konkorrenza sabiħa u ntlaqgħet tajjeb ħafna, tkomplew ix-xogħlijiet ta' manutenzjoni fix-Xlendi fosthom: żebgħa ta' sinjali tat-toroq, saru numru ta' tiswijiet fix-Xlendi mill-Water Services Corporation wara numru ta' *leakages* li kien qed ikun hemm, tkompla jinqata' l-ħaxix ħażin fil-Munxar, ġiet emendata l-iskeda ta' ġbir ta' skart fix-Xlendi, il-Public Cleansing Section ser jaħslu xi toroq fix-Xlendi fil-ġranet li ġejjin għal qabel il-festa u tkun ħaġa tajba li jsir hekk ukoll fil-Pjazza tal-Munxar u Ġnien il-Professur Ġużè Aquilina.
Is-Sindku ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill għal diversi lmenti li kien irċieva.
Dawn l-ilmenti jinkludu:
Hemm bżonn li jsiru xi *double yellow lines* fi Triq il-Puniċi u fi Triq il-Ġostra. Is-Sindku informa lill-Kunsill li s-sinjali s-sofor ta' Triq il-Puniċi ser isiru wara l-15 ta' Awwissu 2019. Hemm bżonn li jsiru *ashtrays* fix-Xlendi u Il-Munxar. L-*ashtrays* tax-Xlendi jsiru mal-bajja peress li jintefgħu ammonti kbar ta' sigaretti fir-ramel tal-bajja kif ukoll fuq il-blat u li dawn jitwaħħlu għax-xhur tas-sajf u jinqalgħu għax-xhur tax-xitwa biex ma ssirilhomx ħsara, issir lampa ġdida fi Triq Dun Spir Gauci, jitranġa *wire* mdendel fi Triq Żgħawri, tinstab soluzzjoni minħabba li residenti ta' Triq il-Puniċi qed jilmentaw li kien hemm xi toqob sabiex jgħaddi l-ilma tax-xita minn hemm għal isfel li ngħalqu peress li tiela' l-bini u qed jibżgħu li ser jegħrqu f'dik it-triq. Dwar iċ-ċint li hemm bżonn li jinbena fi Triq il-Puniċi ser isir tentattiv biex dan jinbena minn sid il-*plot*.

**03.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

03.4.1 Is-Sa Carmela Parnis irrimarkat dwar is-smigħ tal-Awtorità tal-Ippjanar dwar id-demmiela fil-Munxar. Intqal mill-iżviluppatur li hemm toroq alternattivi sabiex jiġi evitat li l-bawżers jgħaddu mill-Pjazza tal-Knisja. Fil-fatt dan ma huwiex veru. Punt posittiv huwa li l-Kunsill Lokali Ta' Sannat qed joġġezzjona wkoll. Hija lmentat dwar il-karozzi bla numru tar-reġistrazzjoni li hemm ipparkjati fi Triq Ta' Marżiena. Hija talbet li l-Kunsill jikteb lill-Pulizija.

03.4.2 Is-Sur Joseph Cauchi semma li xi snin ilu kien hemm arloġġ fuq il-bankina ta' tarf Triq ir-Rabat u ma għadux hemm. Qed jitlob li dan jerġa' jsir. Dak l-arloġġ kien tkisser bil-maltemp u issa hemm il-ħsieb li meta jiġi nnegozjat ftehim ieħor mal-HSBC Bank Malta plc għall-kiri tal-*kiosk* sabiex tintuża għall-ATM jintalbu jagħmlu arloġġ.

03.4.3 Is-Sur Mark Busuttil ġibet l-attenzjoni tal-Kunsill li fuq il-blat fuq ir-riħ tal-bidu ta' Triq San Xmun qed jintefa' żibel mill-*flats* li jiġu fuq ir-riħ ta' dan il-blat. Peress li dan il-blat huwa privat, il-Kunsill ikun jista' jnaddaf meta jorganizza l-attività 'Clean Up the World'.

Huwa semma wkoll dwar l-inċidenti li qed isiru fi Pjazza l-Anfori peress li karozzi qed joħorġu għall-*main road* min-naħa tal-*boathouses*. Għalkemm ix-xogħlijiet ser jibdew wara l-istaġun tas-sajf, il-Kunsill kien ser jikteb lil Transport Malta.

**03.5 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv**

03.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta lill-Kunsill tliet kwotazzjonijiet sabiex issir *show* spettakulari bil-*confetti* u sinkronizzata mal-mużika. Din ix-*show* ser tkun sponsorjata mill-Malta Tourism Authority. L-orħos offerta hija ta' Ten 2 Firing System għall-prezz ta' €2,500. Il-Kunsill għażel din l-offerta.

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta lill-Kunsill tliet kwotazzjonijiet sabiex jiġu organizzati attivitajiet għal 'Ħajja Aħjar Permezz ta' Eżerċizzju Fiżiku u Sports'. Dawn jinkludu *keep fit sessions*, *football sessions*, *guided walks* u *leaflets*. L-orħos offerta hija tal-Munxar Falcons Football Club għall-ammont ta' €3,400. Il-Kunsill għażel din l-offerta.

Il-Kunsill irċieva kwotazzjoni għal dawl, *sound* u *entertainment* għax-Xlendi Sunset Festival li jagħmel parti mill-kalendarju ta' attivitajiet 'I Love Ix-Xlendi' Summer Events 2019. Il-*group* magħżul huwa Manutapu u qed jitolbu s-somma ta' €2,500 *VAT exempt*. Il-Kunsill ser iħallas din is-somma u l-Għaqdiet ser iħallsu l-akkomodazzjoni u x-xorb.

Għas-sistema ta' dwal, il-Kunsill irċieva tliet kwotazzjonijiet u l-orħos waħda hija ta' Beam Lighting għall-prezz ta' €3,481. Is-*supplier* intalab jagħti *sponsor* u jnaqqas xi dwal u l-ammont niżel għal €2,655. Il-Kunsill qabel li d-dawl jingħata lil Beam Lighting.

Il-Kunsill irċieva kwotazzjonijiet għall-provvista ta' *sound* għal din is-serata. Ġie deċiż li l-ispejjeż tas-*sound* jitħallsu mill-Għaqdiet li qegħdin jikkollaboraw mal-Kunsill dwar din l-attività.

**03.6 Korrispondenza, ilmenti u rapporti**

03.6.1 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 14/2019 mingħand id-Direttur (Gvern Lokali – Monitoraġġ u Sapport), Diviżjoni għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Onorarju u Allowances'.

03.6.2 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru SPI/SCI/12/2019 mingħand id-Direttur (Strateġija u Implimentazzjoni ta' *Policy)*, Diviżjoni għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Skema dwar Restawr ta' Postijiet/Monumenti Storiċi f'Malta'.

03.6.3 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru SPI/SCI/13/2019 mingħand id-Direttur (Gvern Lokali), Strateġija u Implimentazzjoni ta' *Policy* bis-suġġett 'Espressjoni ta' Interess: Clean Up the World 2019'.

03.6.4 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru SPI/SCI/14/2019 mingħand id-Direttur (Strateġija u Implimentazzjoni ta' *Policy)*, Diviżjoni għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Skema Finanzjarja favur il-Komunità – Community Inclusive Employment Scheme'.

03.6.5 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Segretarju Parlamentari għal Persuni b'Diżabilità u Anzjanità Attiva rigward il-'Premju Anzjanità Attiva 2019'. Huwa ta informazzjoni dwar l-għan ta' dan il-premju, l-apprezzament tal-Gvern u l-prinċipju li ser jiggwida dan il-premju. Il-Kunsill ġie mitlub sabiex jagħmel in-nominazzjonijiet tiegħu.

03.6.6 Il-Kunsill irċieva invit mingħand is-Segretarju Parlamentari għar-Riformi, Ċittadinanza u Simplifikazzjoni ta' Proċessi Amministrattivi sabiex jipparteċipa fil-kampanja 'Uman, Bħalek' fil-Jum Dinji Kontra t-Traffikar tal-Bnedmin – 30 ta' Lulju 2019. Il-Kunsill ġie mħeġġeġ sabiex jipparteċipa billi jidentifika postijiet prominenti fil-lokalità sabiex jiġu mixgħula b'dawl lewn ċilest nhar id-29 u t-30 ta' Lulju 2019.

03.6.7 Il-Kunsill irċieva mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali Stqarrija AKL 05/2019 – L-Indafa Pubblika. F'din l-istqarrija l-Assoċjazzjoni tkellmet dwar għadd ta' lmenti li qed tirċievi u għamlet diversi appelli.

03.6.8 Il-Kunsill irċieva d-*draft Agenda* għat-'Training of Local Council Staff in Principles of Good Governance, Transparency and Accountability & Press Launch – Predefined Project No.3' tas-16 ta' Lulju 2019 f'The Victoria Hotel, Sliema.

03.6.9 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Nru AKL 2019/080 mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali rigward 'Reġistrazzjoni għas-Sessjoni ta' Taħriġ għall-Membri Eletti 14/09/2019' flimkien mal-Aġenda u *booklet* b'aktar informazzjoni relatata. Il-Kunsill ġie mħeġġeġ sabiex jattendi għal dan it-taħriġ li ser jagħti ħarsa lejn id-Demokrazija Lokali – Sfidi u Soluzzjonijiet; u Governanza u l-Prinċipji ta' Ħajja Pubblika – Ir-Responsabbiltajiet tal-Irwol, li ser jiġi mwassal minn membri taċ-Chartered Institute of Public Finance and Accountancy (CIPFA) fl-14 ta' Settembru 2019 fil-Lukanda Dolmen f'Buġibba.

03.6.10 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Lifelong Learning Community Coordinator, Directorate for Research, Lifelong Learning and Employability rigward 'Lifelong Learning Courses 2019-2020 Promotional Material and Promotional Activities - Dissemination vis a vis Local Councils'. Ingħatat aktar informazzjoni fir-rigward ta' dawn il-korsijiet inkluż *booklet*, *flyers* eċċ. u l-Kunsill intalab sabiex jiġu *uploaded* fuq il-*media portals* u printjati għal fuq in-*noticeboards*. Ser isiru *taster courses* fl-Imsida Adult Learning Centre bejn is-16 ta' Lulju 2019 u l-20 ta' Lulju 2019 u anke żewġ attivitajiet fejn *lifelong learning personnel* ser ikunu preżenti sabiex jagħtu aktar informazzjoni u gwida fi *stand* fid-19 u 20 ta' Lulju 2019 fil-Hotel Excelsior u fl-20 ta' Lulju 2019 fil-Hill Top Gardens, In-Naxxar.

03.6.11 Il-Kunsill irċieva mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali l-Minuti tal-Laqgħa tal-Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali Numru 22, tas-17 ta' Ġunju 2019.

03.6.12 Il-Kunsill irċieva mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali d-dokument 'Rapport ta' Ħidma - Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali - April – Ġunju 2019'.

03.6.13 Il-Kunsill irċieva mingħand is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Għawdex, l-Aġenda tas-86 Laqgħa tar-Reġjun Għawdex tal-5 ta' Lulju 2019, il-Minuti tal-Laqgħat Numru 84/2019 u Numru 85/2019 ta' dan il-Kumitat sabiex tiġi mqassma kopja tagħhom lis-Sindku u lill-Kunsilliera.

03.6.14 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-President tal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali fejn qed jirringrazzja lill-Kunsilli Lokali u l-Kumitati Reġjonali li wrew interess u ħadu l-inizjattiva biex ikollhom rappreżentant waqt is-seminar li sar fil-11 ta' Lulju 2019 f'Malta u fit-13 ta' Lulju 2019 f'Għawdex. Huwa bagħat lista ta' dawk il-Kunsilli Lokali u Kumitati Reġjonali li kienu parteċipi u filwaqt li rringrazzjahom appella lil dawk il-Kunsilli Lokali li ma attendewx sabiex juru l-istess impenn.

03.6.15 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Direttorat tal-Ambjent u Tibdil fil-Klima dwar skeda ġdida ta' ġbir ta' skart għax-xhur tas-sajf fix-Xlendi. Il-Kunsill qassam *flyer* fir-residenzi kollha tax-Xlendi għax l-iskeda hija applikabbli mill-5 ta' Awwissu 2019 sal-aħħar ta' Settembru 2019.

03.6.16 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-Awtorità tad-Djar fejn talbu jkunu infurmati jekk il-Kunsill huwiex jistenna li l-Pulizija jitilqu mill-binja jew fil-każ li l-Pulizija ser jibqgħu jokkupaw parti mill-binja, jekk ġiex milħuq ftehim bejn il-Kunsill u l-Pulizija dwar l-użu ta' dan il-bini. L-Awtorità qed tistenna li tkun taf kemm hija l-kera dovuta minn kull entità.
Il-Kunsill ser jibqa' jitlob il-*basement* tal-binja li bħalissa qed jintuża mill-Pulizija u jistgħu jżommu dik il-kamra li bħalissa qed tintuża bħala Għassa.

03.6.17 Il-Kunsill qed jirreferi għaċ-Ċirkulari Numru SPI/SCI/14/2019 dwar Skema Finanzjarja favur il-Komunità. Din l-iskema qed toffri xogħol *full-time* jew *part-time* lill-persuni bi bżonnijiet speċjali biex jidħlu fis-suq tax-xogħol. Ġie deċiż li l-Kunsill japplika permezz ta' din l-iskema għall-persuna waħda *full-time* li tagħmel xogħol ta' *general hand*.

03.6.18 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mill-Pulizija dwar l-ilment li għamel il-Kunsill għall-fatt li fix-Xlendi, viċin Triq il-Kappar qed jitrabba n-naħal. Il-Pulizija qed tikkonferma li ma hemmx irregolaritajiet.

03.6.19 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand persuna li qed tilmenta li l-*cabinets* griżi tal-Kumpanija GO qed ikunu maħmuġin, mingħajr manutenzjoni u barra li huma koroħ qed joħolqu inkonvenjent għas-sidien ta' proprjetajiet. Din il-persuna qed titlob sabiex il-Kunsill jikteb lill-Kumpanija GO sabiex jitwassal dan l-ilment. Il-Kunsill ħa nota ta' dan.

03.6.20 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand ir-Reġjun Għawdex rigward is-sejħa li saret għas-servizz ta' *Data Protection Officer*. Il-Kunsill qed ikun mitlub sabiex jiddeċiedi jekk jiffirmax il-kuntratt jew mod ieħor. Is-Sindku kien ser jara x'ser jagħmlu Kunsilli oħra.

03.6.21 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali fejn qed tinforma li ser tkun qed torganizza laqgħa nhar l-Erbgħa, 28 ta' Awwissu 2019 li għaliha huma mistiedna l-membri eletti flimkien mas-Segretarji Eżekuttivi sabiex flimkien tingħata ħarsa lejn inizjattivi u ċirkularijiet li l-Assoċjazzjoni bagħtet matul is-sena 2018 u 2019. L-iskop hu li l-Kunsilliera u Sindki eletti ġodda jkollhom għarfien ta' dak li sar fl-aħħar sentejn. Il-Kunsill ħa nota ta' dan.

03.6.22 Il-Kunsill iddiskuta l-andament tal-laqgħa li saret mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali 'Fondi għall-Attivitajiet u Inizjattivi Kulturali' li saret fit-13 ta' Lulju 2019 u li għal din il-laqgħa attenda s-Sindku.

03.6.23 Il-Kunsill irċieva talba għar-rampa quddiem *garage* fi Triq il-Qroll, Ix-Xlendi. Din it-talba għaddiet lill-Ministeru għal Għawdex permezz tal-*Gozo Local Council Works Request System*.

03.6.24 Il-Kunsill irċieva talba sabiex issir rampa quddiem *garage* li qiegħed fi Triq Żgħawri, Il-Munxar. Din it-talba ġiet mgħoddija lill-Ministeru għal Għawdex permezz tal-*Gozo Local Council Works Request System.*

03.6.25 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta kopja ta' Stqarrija għall-Istampa numru KLM 1/2019 maħruġa mill-Kunsill rigward il-proposta ta' demmiela fil-Munxar.

03.6.26 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta *flyer* li ġie mqassam f'kull dar fil-Munxar u Ix-Xlendi dwar laqgħa dwar il-proposta ta' demmiela fil-Munxar PA/02406/18, trasport għas-smigħ tal-Appell fl-Awtorità tal-Ippjanar u dwar sessjonijiet tal-*keep fit* għaż-żgħażagħ u adulti.

03.6.27 Il-Kunsill iddiskuta korrispondenza li għaddiet bejn is-Sindku u l-Malta Tourism Authority (MTA) dwar *sponsor* li l-MTA ser tagħti lill-Kunsill sabiex issir *show* spettakulari bil-*confetti* u sinkronizzata mal-mużika. Din ser tiswa €2,500.

03.6.28 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Għaqda LGBTI+Gozo rigward inizjattivi tal-istess Għaqda kif ukoll dwar il-kampanja li ser issir fis-7 ta' Settembru 2019.

03.6.29 Il-Kunsill irċieva konferma mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali li l-bilanċ li ser jingħata lill-Kunsill mill-fond tal-Aġenzija LESA huwa ta' €2,449.60.

03.6.30 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand persuna li qed tilmenta dwar *light pollution* fix-Xlendi. Qed tilmenta dwar il-*floodlights* li qed idawlu Triq il-Kantra. Il-Kunsill iħoss li huwa impossibbli li din it-triq titħalla fi dlam ċappa u dan peress li din hija triq residenzjali u frekwentata minn diversi persuni li jippassiġġaw tul it-triq.

03.6.31 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Ombudsman rigward ilment li rċieva dwar papri fil-Bajja tax-Xlendi. Peress li s-sena l-oħra kien sar tentattiv mingħand l-Animal Welfare sabiex dawn il-papri jinqabdu, il-Kunsill reġa' rrefera dan l-ilment lilhom. Il-Kunsill qed jistenna risposta.

03.6.32 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand sid ta' proprjetà fi Triq Munxar fejn qed jilmenta li saru *double yellow lines* quddiem il-proprjetà tiegħu mingħajr ma ġie kkonsultat. Huwa qed jitlob sabiex dawn is-sinjali jitneħħew. Peress li huwa ma ġiex ikkonsultat, qabel ma jerġgħu jsiru meta t-triq tingħata wiċċ ġdid il-Kunsill ser jikkonsultah.

03.6.33 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali dwar l-attività ta' *team building* li ser torganizza għall-ewwel darba għall-membri eletti, Segretarji Eżekuttivi u ħaddiema mal-Kumitati Reġjonali u Kunsilli Lokali. L-attività ser issir fil-5 ta' Ottubru 2019 ġewwa l-Belt Valletta.

03.6.34 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand Uffiċjal tal-Ministeru għal Għawdex li qiegħed jikkordina l-avvenimenti tal-Milied. Qed tinġabar informazzjoni dwar attivitajiet u esebizzjonijiet natalizji li jsiru minn individwi u organizzazzjonijiet. Il-Kunsill ħa nota ta' dan.

03.6.35 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand ir-Reġjun Għawdex fejn qed tinġabar informazzjoni dwar il-kuntratt tal-ġbir tal-iskart f'kull lokalità. Dan qed isir sabiex l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali tħejji *template* tas-sejħa għall-offerti u hemm il-pjan li din titlesta sal-aħħar tas-sena 2019.

03.6.36 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Malta Communications Authority fejn ġejna infurmati li l-proġett tal-WiFi ser jimxi minn taħt il-Malta Communications Authority għal taħt l-Aġenzija Tech.MT.

03.6.37 Il-Kunsill irċieva *e-mail* fejn qed issir talba minn ditta privata sabiex tagħmel *stand* temporanja fix-Xlendi sabiex tippromovi l-prodotti tagħha. Il-Kunsill ma jaqbilx.

03.6.38 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand ir-Reġjun Għawdex fejn talab lill-Kunsilli jressqu proposti għall-Baġit 2020. Dawn il-proposti jridu jiġu diskussi u approvati jew mod ieħor fil-laqgħa tar-Reġjun Għawdex li jmiss.

Il-ħin kien it-8.00 ta' filgħaxija u s-Sur Mark Busuttil talab li jkun skużat u ħareġ mil-laqgħa.

**03.7 Ħatra ta' membru effettiv u sostitut tal-Kunsill Reġjonali t'Għawdex**

03.7.1 Is-Sur Damien Spiteri - Sindku ġie maħtur membru effettiv u s-Sa Carmela Parnis - Viċi Sindku ġiet maħtura sostitut fil-Kumitat Reġjonali t'Għawdex għall-Kunsill Lokali Il-Munxar.
Ġie deċiż li tinkiteb ittra lis-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Għawdex sabiex ninfurmawh b'dan.

**03.8 Impjieg ta' skrivan/a full-time**

03.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta r-riżultati tal-intervisti li saru sabiex jiġi impjegat skrivan/a *full-time* skala 15. Il-Kunsill approva dan ir-riżultat u għaldaqstant ġie deċiż li s-Sinjorina Nicholette Borg tibda l-impjieg tagħha mit-2 ta' Settembru 2019 fi skala 15 u tibda minn *notch* 3. Qabel din id-data hija ser tingħata xi *training* tax-xogħol li huwa relatat ma' dik l-iskala.

**03.9 Is-sejħa għall-offerti għall-ġbir ta' skart domestiku**

03.9.1 Il-kuntratt ser jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2019. L-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali qed taħdem fuq *template* sabiex is-sejħa toħroġ uniformi bħal ta' Kunsilli oħra. Il-Kunsill ser jistenna din it-*template*.

**03.10 Proposta għall-permess ta' żvilupp PA2406/18**

03.10.1 Il-Kunsill kien organizza laqgħa informattiva mar-residenti rigward il-proposta ta' demmiela fil-Munxar. F'din il-laqgħa kien preżenti l-Avukat Dr Ian Stafrace li huwa l-avukat imqabbad mill-Kunsill sabiex iressaq l-oġġezzjoni tal-Kunsill lill-Awtorità tal-Ippjanar.
Is-smigħ tal-appell ta' din l-applikazzjoni sar fit-23 ta' Lulju 2019. Il-Kunsill ipprovda trasport mill-Munxar u lx-Xlendi u lura.
Dan l-appell għadu ma nqatax.

**03.11 Sehem il-Kunsill fil-festa tax-Xlendi 2019**

03.11.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill li wara li kien ikkuntattja Uffiċjali tal-Malta Tourism Authority, irnexxielu jakkwista *sponsor* ta' €2,500 sabiex għall-ewwel darba jsir *show* spettakulari bil-*confetti* u sinkronizzat mal-mużika hekk kif l-istatwa tkun ser tiddaħħal fil-Knisja.
Din is-sena wkoll il-Kunsill kien ser jipprovdi t-*trophies* li jingħataw għall-Ġostra u l-logħob tal-baħar.

**03.12 Il-Proġett tal-Pjazza tal-Knisja**

03.12.1 Din il-materja ser tissemma fil-laqgħa li ser issir mal-Ministru Justyne Caruana, Ministru għal Għawdex. Hija parti mill-pjan tal-Kunsill li l-Pjazza titlesta minn kollox qabel tmiem din il-leġislatura. Fadal it-tielet fażi billi jitranġaw il-kumplament tal-bankini u jsiru l-*culverts* u r-raba' fażi billi ssir is-sistema ta' dwal.

**03.13 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-ħlasijiet**

03.13.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-Iskeda tal-Ħlasijiet numru 03-2019(01_08_19) li tkopri l-perjodu mill-5 ta' Lulju 2019 sal-1 ta' Awwissu 2019 għall-ammont totali ta' €23,464.13 għall-kunsiderazzjoni u approvazzjoni. Il-Proponent kienet is-Sa Carmela Parnis - Viċi Sindku u s-Sekondat kien is-Sur Joseph Cauchi - Kunsillier.
Din l-iskeda tal-ħlasijiet ġiet approvata.

**03.14 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

03.14.1 Il-laqgħa aġġornat fit-8:30 ta' filgħaxija. Il-Kunsill qabel li għandu jerġa' jiltaqa' nhar it-Tnejn, 2 ta' Settembru 2019 fil-5.30 ta' filgħaxija.

**IFFIRMATA**

Anthony Grech
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-Minuti ġew approvati fil-Laqgħa tal-Kunsill Nru 04-2019(02_09_19) li nżammet nhar it-Tnejn, 2 ta' Settembru 2019.

**IFFIRMATA**

Damien Spiteri
Sindku